



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

2010/2233(INI)

26.1.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

dwar ir-relazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf
(2010/2233(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mário David

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' April 2008 dwar il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (FTA) bejn il-KE u l-Kunsill tal-Kooperazzjoni tal-Golf (GCC) (), li kienet appoġġata minn 96% tal-MPE; jinnota li l-kwistjonijiet li tqajmu mir-riżoluzzjoni, bħall-ħtieġa għal aċċess reċiproku għas-swieq, il-ħarsien effettiv tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali (IPR), it-tneħħija ta' ostakoli li mhumiex tariffi għall-provvediment tas-servizzi, il-promozzjoni tal-iżvilupp sostenibbli u r-rispett tal-konvenzjonijiet internazzjonali, għadhom jippersistu;
2. Jiddispjaċih li n-negozjati dwar l-FTA UE-GCC kienu ripetutament posposti għal perjodi twal ta' żmien u jiddeplora d-deċiżjoni tal-GCC li jissospendi dawn in-negozjati fl-2008; jemmen li wasal iż-żmien li jkunu żblukkati dawn in-negozjati biex tinstab soluzzjoni definittiva, sabiex jitneħħew l-ostakoli għall-benefiċċju tas-soċjetajiet u l-komunitajiet tan-negozju fuq iż-żewġ naħat;
3. Jiddispjaċih li r-reġjun ġie ttraskurat mill-UE minkejja l-importanza strateġika fejn jidħlu l-provvisti ta' żejt, l-opportunitajiet kummerċjali u l-istabbiltà reġjonali;
4. Jinnota li, wara 20 sena ta' negozjati, il-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles għad irid ikun konkluż; huwa konxju li l-klawsoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-immigrazzjoni illegali kienu miċħuda minn uħud mill-istati tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf;
5. Jikkunsidra li, meta wieħed iqis l-importanza strateġika tar-reġjun, l-FTA għandu jitqies mhux biss bħala strument li jsaħħaħ il-benesseri permezz tal-kummerċ iżda wkoll bħala strument li jħeġġeġ l-istabbiltà ġeografika;
6. Jinnota li l-GCC bħalissa huwa s-sitt l-ikbar suq tal-UE għall-esportazzjoni u li l-UE bħalissa hija s-sieħba prinċipali tal-kummerċ tal-GCC; jinnota li, minkejja dan il-livell diġà intensiv ta' kummerċ, għad hemm skop għall-approfondiment tiegħu, kif ukoll spazju għal iktar diversifikazzjoni tal-kummerċ bejn iż-żewġ partijiet, minħabba d-daqs tas-suq tal-UE u l-isforzi min-naħa tal-istati tal-GCC biex jiddiversifikaw l-esportazzjonijiet tagħhom; jinnota li FTA jista' jipprovdi wkoll opportunitajiet ġodda għall-kooperazzjoni u għajjnuna teknika; huwa tal-fehma li l-konklużjoni tal-FTA bejn l-UE u l-GCC tkun tiffavorixxi bil-kbir rabtiet eqreb u diversifikazzjoni akbar;
7. Jirrimarka li, ladarba l-pajjiżi tal-GCC qed jimxu lejn id-diversifikazzjoni ekonomika intiża sabiex tnaqqas id-dipendenza tagħhom fuq iż-żejt, żieda fil-kummerċ tas-servizzi u fl-investiment se tgħin biex trawwem l-iżvilupp tal-ekonomiji tal-GCC;
8. Jilqa' l-fatt li matul l-aħħar żewġ deċennji r-relazzjonijiet ekonomiċi UE-GCC qed jintensifikaw u li l-volum tal-kummerċ bejn iż-żewġ naħat żdied b'mod sinifikanti, minkejja n-nuqqas li jkun konkluż FTA; iqis dan bħala sinjal li l-FTA se jkompli jsaħħaħ dan it-tkabbir naturali u jintegrah f'ambjent iżjed miftuħ, prevedibbli u sikur;

9. Jinnota li l-parti l-kbira tal-ħidma fuq l-FTA diġà saret, u huwa tal-fehma li l-ambitu tal-FTA kif inhu jwiegħed vantaġġi kbar għaż-żewġ partijiet; jistieden liż-żewġ partijiet, għalhekk, li jqisu dan l-FTA bħala sforz kbir u importanti għaż-żewġ reġjuni u l-popli tagħhom; iqis li l-UE u l-GCC għandhom interessi u ħtiġiet komuni u li l-esperjenza tal-UE fl-integrazzjoni reġjonali tista' tkun sors ta' ispirazzjoni għall-Golf; iqis li, f'dan ir-rigward, l-UE tista' tipprovdi assistenza teknika ta' valur;
10. Jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, sakemm ma jinstablux rimedju, in-nuqqas ta' trasparenza fil-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-ostakli għad-dħul ta' investituri barranin fis-settur tas-servizzi jistgħu jipperikolaw il-konklużjoni tal-ftehim;
11. Huwa tal-fehma soda li FTA bejn l-UE u l-GCC ikun ta' vantaġġ sostanzjali għaż-żewġ partijiet; jemmen li FTA mal-UE jsaħħaħ iktar l-integrazzjoni ekonomika tal-GCC u li, wara t-twaqqif tal-Unjoni Doganali tal-GCC, jista' jipprovdi wkoll spinta akbar għall-proġetti importanti bħas-suq komuni tal-GCC, u t-tlestija tal-Unjoni Monetarja tal-GCC b'munita unika; iqis li l-GCC jista' jibbenefika mill-esperjenza miksuba tul il-ħolqien tas-suq waħdieni u l-adozzjoni ta' munita unika mill-UE;
12. Jappoġġa bil-qawwa l-messaġġ li r-RGħ/VP Catherine Ashton bagħtet matul il-Laqgħa tal-Kunsill Ministerjali Konġunt UE-GCC f'Ġunju 2010 u aktar reċentement fit-22 ta' Settembru, matul il-laqgħa UE-GCC fil-margħni tal-konferenza ministerjali tal-Assemblea Ġenerali tan-NU, fejn indikat li l-UE lesta li tagħmel sforz finali għall-konklużjoni ta' dawn in-negozjati; jilqa' wkoll ir-reazzjoni tal-GCC, li kkonfermat ukoll ix-xewqa tiegħu li jikkonkludi n-negozjati;
13. Jirrikonoxxi s-sensittivitajiet ta' xi pajjiżi tal-GCC dwar id-dazji fuq l-esportazzjoni, iżda jiddispijaċi dwar id-deċiżjoni reċenti tan-negozjaturi tal-GCC li jerġgħu lura għall-pożizzjoni tagħhom tal-2008 f'dan ir-rigward, jiġifieri li jħallu barra mill-FTA s-sanzjonijiet dwar din il-kwistjoni; huwa tal-fehma soda li l-ebda FTA attwali ma jista' jħalli barra l-kwistjoni tad-dazji fuq l-esportazzjoni u li regoli tad-WTO jgħidu li l-FTAs għandhom jipprovdu għal-liberalizzazzjoni sostanzjali kemm tal-importazzjonijiet u kif ukoll tal-esportazzjonijiet;
14. Jirrakkomanda li l-UE talloka iktar riżorsi lill-GCC, jiġifieri, permezz tal-istrument għal kooperazzjoni ma' pajjiżi industrijalizzati u oħrajn bi dħul għoli (ICIHI), li għandu jkun iktar viżibbli u għandu jiffoka fuq programmi xierqa għat-taħriġ ta' uffiċjali lokali, inkluż fi kwistjonijiet kummerċjali;
15. Ifakkar li, wara t-Trattat ta' Lisbona, il-politika tal-kummerċ internazzjonali hija waħda mill-istrumenti tal-UE għall-politika barranija u bħala tali, għall-Unjoni, ir-rispett għall-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem, flimkien ma' dimensjonijiet soċjali u ambjentali, huma assolutament essenzjali fil-ftehimiet internazzjonali kollha tagħha; għalhekk jitlob li kwalunkwe ftehim ta' kummerċ ħieles fil-futur jinkludi klawżola tad-drittijiet tal-bniedem effettiva u infurzabbli;
16. Jinnota li hemm 15-il miljun ħaddiem migrant fis-sitt stati tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni tal-Golf u li dawk il-ħaddiema huma 40% tal-popolazzjoni totali; ifakkar fis-sitwazzjoni prekarja tal-ħaddiema migranti fl-Istati tal-Golf li ġibdet l-attenzjoni għaliha l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u jappoġġja t-talba tal-ILO għal paga

minima fir-reġjun biex ikun evitat li l-pożizzjoni tal-ħaddiema nazzjonali u migranti tibqa' sejra lura; jappoġġja wkoll id-dritt tal-ħaddiema kollha li jiffirmaw u jingħaqdu ma' trejdjunjins sabiex jiddefendu l-interessi tagħhom;

17. Jinsisti li jkunu rrispettati l-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet fundamentali stabbiliti mill-Istqarrija Universali dwar il-Jeddijiet tal-Bniedem; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-GCC jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni kontra l-isfruttament tan-nisa u t-tfal, b'mod partikolari fis-suq tax-xoġhol, u jimplimentaw effettivament il-konvenzjonijiet tan-NU dwar l-Eliminazzjoni ta' kull forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa u dwar id-Drittijiet tat-Tfal;
18. Iqis li r-ratifika u l-implimentazzjoni kompleta tal-Istati Membri tal-GCC tal-qafas stabbilit mill-Konvenzjonijiet tan-NU kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali, il-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni u l-Konvenzjoni Internazzjonali dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Ħaddiema Migranti Kollha u l-Membri tal-Familja Tagħhom għandu jkollhom rwol essenzjali fin-negozjati ta' FTA;
19. Jemmen li FTA konkluż itejjeb ferm ir-relazzjonijiet attwali bejn l-Istati Membri tal-UE u l-istati tal-GCC, u jipprovdi valur miżjud għall-Programm ta' Azzjoni Konġunta reċenti, b'mod partikolari, billi jipprovdi aktar bini tal-kapaċità u tal-qafas istituzzjonali, inkluż fis-Segretarjat tal-GCC; jiddispjaċih li l-preżenza diplomatika tal-UE fl-istati tal-GCC għadha waħda minima u jinsisti li taħt is-SEAE l-ġdid l-UE għandha żżid il-preżenza diplomatika tagħha fir-reġjun, inkluża Delegazzjoni tal-Unjoni f'kull wieħed mis-sitt stati tal-GCC, li għandha taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mas-servizzi diplomatiċi nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li jinsabu fl-istati tal-GCC, sabiex ikun sfruttat kemm jista' jkun l-għarfien espert tagħhom dwar ir-reġjun; jemmen li preżenza diplomatika aktar sinifikanti żżid ħafna ċ-ċans ta' konklużjoni rapida tal-FTA u l-implimentazzjoni sussegwenti tiegħu;
20. Jipproponi li jitwaqqaf samit regolari ta' Kapijiet ta' Stat u Gvern bejn l-UE u l-GCC; jenfasizza li dan is-samit jista' jtejjeb immens ir-rabtiet politiċi, finanzjarji, ekonomiċi, kummerċjali u kulturali bejn l-UE u l-GCC; jinkoraġġixxi bil-qawwa lil min hu l-iktar responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet kemm min-naħa tal-UE u kemm minn dik tal-GCC biex jiltaqgħu regolarment ħalli flimkien jiddefinixxu u jipromwovu l-interessi komuni, biex iżidu l-possibilità tal-konklużjoni u l-iffirmar tal-FTA mill-aktar fis possibbli; huwa tal-fehma li min hu l-iktar responsabbli mit-teħid tad-deċiżjonijiet kemm min-naħa tal-UE u kemm minn dik tal-GCC għandu jaħdem biex isir dan is-samit, irrispettivament mill-konklużjoni u l-iffirmar tal-FTA;
21. Jilqa' l-fatt li matul is-snin l-UE u l-GCC saru sieħba kbar fl-investiment u li l-GCC flimkien mal-Iraq u l-Jemen, huwa kkklassifikat bħala l-ikbar investitur fl-UE fl-2008; huwa tal-fehma li l-konklużjoni tal-FTA, jew għall-inqas il-ftuħ uffiċjali mill-ġdid tan-negozjati, żgur li se twitti t-triq għal ftehimiet ulterjuri li se jħeġġu u jiffaċilitaw l-investimenti diretti barranija (FDIs) reċiproċi bl-għan li jitneħħew l-ostakoli għas-sjieda barranija u l-ħarsien tal-investimenti; ifakkar li wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, l-FDIs issa jaqgħu taħt il-kompetenza tal-UE, u għalhekk hemm aktar lok għall-konklużjoni rapida ta' FTA bejn l-UE u l-GCC; jinnota li kwalunkwe FTA futur se joħloq opportunitajiet ta' investimenti ġodda għaż-żewġ naħat waqt li jtejjeb il-possibiltajiet għall-GCC li

jissodisfa l-kriterji bħala kandidat għal ftehim dwar l-investment mill-UE fil-kuntest tal-politika futura tal-investment tal-UE;

22. Jirrimarka li t-tnaqqis fit-tariffi tal-GCC bħala riżultat tal-FTA se jagħmel iktar attraenti l-investment minn barra minn impriżi transnazzjonali; huwa konvint li l-FTA se jgħib miegħu żieda fl-investimenti relatati mas-servizzi li se jiffavorixxu l-iżvilupp tal-Istati tal-GCC u tal-Istati Membri tal-UE;
23. Jissuġġerixxi l-użu tal-euro f'kull tip ta' kummerċ bejn l-UE u l-GCC; jilqa' l-fatt li, mill-ħolqien tiegħu, il-GCC esprima r-rieda tiegħu li joħloq unjoni doganali u monetarja; jinnota li filwaqt li tal-ewwel daħlet fis-seħħ fl-2009, bħalissa qed isiru negozjati dwar munita komuni;
24. Jinnota li s-sitt stati tal-GCC kollha bħalissa jibbenefikaw minn aċċess preferenzjali għas-suq tal-UE taħt is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati (SPĠ) tal-UE; jenfasizza li l-Istati tal-GCC kollha għandhom, f'konformità mal-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 tat-22 ta' Lulju 2008, mhux biss jirratifikaw iżda wkoll jimplementaw effettivament is-27 konvenzjoni tal-ILO u tan-NU elenkati fl-Anness III tar-regolament; huwa tal-fehma li, minħabba l-livell tal-progress ekonomiku fir-reġjun, l-FTA jkun strument aħjar għat-tixrid tal-benefiċċji kummerċjali madwar ir-reġjun;
25. Jafferma mill-ġdid li l-oġettiv primarju tal-UE fir-relazzjonijiet tagħha mal-GCC għandu jkun li tikkonkludi l-FTA, li se jkun FTA bejn ir-reġjuni mill-kbar; iżda, sakemm dan iseħħ, u wara dak li sar diġà minn uħud mis-sieħba kummerċjali ewlenin tal-GCC, jinkoraġġixxi lir-RGħ/VP u lill-Kummissarju għall-Kummerċ sabiex jevalwaw approċċi alternattivi għar-relazzjonijiet kummerċjali futuri mal-Istati tal-GCC, fil-forma ta' ftehimiet bilaterali bejn l-UE u dawk l-Istati tal-Golf li diġà jħossuhom lesti li jidħlu għal impenn ulterjuri mal-UE, waqt li jitiqiesu l-ekonomiji eteroġeni tal-Istati tal-Golf, ir-reazzjonijiet differenti ta' dawk l-istati għall-kriżi finanzjarja u r-relazzjonijiet tagħhom ma' sieħba kummerċjali oħra.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	26.1.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 15 -: 2 0: 10
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	William (The Earl of) Dartmouth, Kader Arif, Daniel Caspary, Christofer Fjellner, Yannick Jadot, Metin Kazak, Bernd Lange, David Martin, Emilio Menéndez del Valle, Vital Moreira, Cristiana Muscardini, Godelieve Quisthoudt-Rowohl, Niccolò Rinaldi, Tokia Saïfi, Helmut Scholz, Peter Šťastný, Robert Sturdy, Gianluca Susta, Keith Taylor, Iuliu Winkler, Jan Zahradil, Pablo Zalba Bidegain, Paweł Zalewski
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	George Sabin Cutaş, Mário David, Jörg Leichtfried, Miloslav Ransdorf, Michael Theurer, Jarosław Leszek Wałęsa
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Patrice Tirolien

